



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2191(DEC)

28.1.2013

EMENDI

1 - 6

Abbozz ta' opinjoni
Georgios Papanikolaou
(PE500.648v01-00)

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena
finanzjarja 2011
(2012/2191(DEC))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Monica Luisa Macovei

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1 a. Jinnota li l-baġit tal-Aġenzija jammonta EUR 31 733 740 għas-sena finanzjarja 2011 u li l-Aġenzija hija finanzjata għalkollox mill-baġit Ewropew; jinnota barra minn hekk li fl-2011, l-Aġenzija impenjat 93%, 99% u 96% tal-appropriazzjonijiet milqugħa taħt it-Titolu 1 (Persunal), Titolu 2 (Amministrattiv) u t-Titolu 3 (Operazzjonijiet); josserva li f'termini ta' appropriazzjonijiet imħallsa, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-Aġenzija hija ta' 90% skont it-Titolu 1, 78% skont it-Titolu 2 and 58% skont it-Titolu 3; jitlob lill-Aġenzija timplimenta miżuri speċifiċi biex ittejjeb il-proċess ta' baġitjar u r-rata ta' eżekuzzjoni tal-pagament;

Or. en

Emenda 2
Monica Luisa Macovei

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Jiddispijaċih dwar il-livell għoli ħafna ta' riporti tal-Eurojust, li l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha reġgħet, bħalma għamlet is-sena li għaddiet, iddeskrivietu bħala "eċċessiv"; jinnota li l-Eurojust jirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri u ħa passi biex ittejjeb it-tbassir baġitarju u l-implimentazzjoni tal-baġit; jitlob li l-Eurojust tiegħu miżuri deċiżivi biex tevita riporti eċċessivi fil-ġejjieni;

2. Jiddispijaċih dwar il-livell għoli ħafna ta' riporti tal-Eurojust, li **jammonta għal EUR 5 200 000 u li jirrappreżenta 16% tal-appropriazzjonijiet totali ta' pagament; josserva li, minn dan l-ammont EUR 3 100 000 kien relatat mat-Titolu 3 (nefqa operattiva) u li jirrappreżenta 39% tal-appropriazzjonijiet ta' pagament skont dan it-Titolu; jenfasisza** li l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha reġgħet,

bħalma għamlet is-sena li għaddiet, iddeskrivietu bħala “eċċessiv”; jinnota li l-Eurojust jirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri u ħa passi biex itejjeb it-tbassir baġitarju u l-implimentazzjoni tal-baġit; jitlob li l-Eurojust tieħu miżuri deċiżivi biex tevita riporti eċċessivi fil-ġejjieni;

Or. en

Emenda 3
Monica Luisa Macovei, Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jirrikonoxxi li ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni ġdid fir-rigward tal-bini l-ġdid tal-Aġenzija sa mill-2015, mal-Istat Ospitanti;

Or. en

Emenda 4
Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. B'mod ġenerali jqis li għandu jkun hemm attenzjoni ulterjuri fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom il-Eurojust użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

5. B'mod ġenerali **jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tkompli tagħti** attenzjoni ulterjuri fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom il-Eurojust użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

Or. en

Emenda 5
Monica Luisa Macovei

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Jinnota li n-numru ta' każijiet fejn l-Istati Membri talba l-ġajnuna tal-Aġenzija fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali gravi żdied minn 1 421 fl-2010 għal 1 441 fl-2011; jirrikonoxxi b'mod partikolari li ġew reġistrati 218-I każ ta' frodi fl-2011 u li n-numru ta' laqgħat ta' koordinament dwar frodi żdiedu minn 17 fl-2010 għal 58 fl-2011; jilqa' l-fatt li fl-istess sena, l-Aġenzija flimkien mat-Tim dwar Krimini Ekonomiċi ffinalizzaw proġett strateġiku dwar it-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' ġajnuna legali reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri fil-qasam ta' frodi ta' VAT;

Or. en

Emenda 6
Monica Luisa Macovei

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5b. Jinnota li ġew reġistrati 26 każ ta' korruzzjoni fl-2011 kontra l-31 fl-2010; jenfasizza li n-numru ta' laqgħat ta' koordinament żdied minn 11 fl-2010 għal 19 fl-2011; jilqa' l-fatt li fl-istess sena, Tim ta' Investigazzjoni Konġunta dwar il-korruzzjoni kiseb riżultati pożittivi fir-rigward ta' intrapriża ta' Stat Membru li

*ħallset ammenda ta' EUR 3 000 000 wara
każ ta' korruzzjoni transkonfinali ta'
natura globali;*

Or. en